**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMIENJA U TLETIN 18ta' APRIL, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri kien preżenti għas-seduta.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **38.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 38.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **38.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 38.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab li f'punt 37.2.1 jiżdied il-kliem li hu għamel suġġeriment li l-manutenzzjoni ta' Triq Ħal Far u l-bankini jibqgħu jsiru mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. |
| | | |
| 38.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa u tletin –il seduta. |
| | | |
| ***38.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA / KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 38.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 46 tal-Kumitat Amministrattiv u tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numri 35 u 36. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***38.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 38.4.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| ***38.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| | | |
| 38.5.1 | | Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jirringrazzja lis-Sur Carmelo D'Amato li offra linfa bla ħlas lill-Kunsill. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament. |
| | | |
| 38.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment minn resident fi Triq San Martin. Dan ir-resident qed jitlob li issir bollard awtomatika biċ-ċavetta li tkun għand kull resident minn Triq San Martin, sabiex din it-triq tkun tista tintuża mir-residenti biss. Dan ir-resident qal li għalkemm it-triq hi ta' direzzjoni waħda, xorta jkun hemm ħafna li jgħadu wrong way.<br>Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 38.5.3 | | Fi Pjazza San Gorg hemm reserved parking għall-persuna li mietet. Kien hemm qbil li titneħħa. |
| | | |
| 38.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-istimi:<br>a.Lampi ornamentali għal Triq San Mikiel – 760Euro –il wieħed<br>Kien hemm qbil li jinġibu stimi mingħand kuntratturi oħra.<br><br>b.Picnic tables biex jitpoġġew fi Triq il-Wied:<br>244Euro + 55Euro installation – Homemate Ltd<br>1,150.50 Euro 180cm– SR Group<br>1,043.10 Euro 180cm/ 938.10Euro 150cm il-prezz jinkludi l-installazzjoni – Tabone Enterprises Ltd<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob stima lill-garage tal-Gvern.<br><br>c. Stima biex Ġnien il-bennej isirlu dawl ġdid ġol ħajt u manutenzjoni ta' railing – 4,224.40Euro mingħand JF Mallia Ltd.<br>Jiġi ordnat ix-xogħol.<br><br>d. Stima ta' Laptop u printer għall-uffiċċju mingħand Ctronics minħabba li hu l-persuna li tati servizz ta' manutenzjoni fil-pront.<br>HP250 Notebook 549Euro u Multifunction Printer HP8710 – 229Euro<br>Kien hemm qbil li jinxtara.<br><br>f. Stima għall-Audio Visual fil-Mitħna tax-Xarolla<br>Pierre Mizzi – 3,776Euro<br>Lunikdigital TV – 13,145.20Euro |

| | | |
|---|---|---|
| | | Exalta – 2,773Euro<br>Illumina media services – 3,068Euro<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li tittieħed l-orħos offerta. |
| | | |
| 38.5.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra mingħand Guy Boċċi Klabb fejn staqsew jekk fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq hix ser tiddaħħal il-kompetizzjoni tal-boċċi. Kien hemm qbil li l-kompetizzjoni tkun inkluża fl-attivitajiet. |
| | | |
| 38.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva email mingħand is-Sinjuri Demicoli li kemm –il darba jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kunsill, billi jaqraw siltiet bid-djalett Żurrieqi. Huma qed jistaqsu jekk għall-attivitajiet ta' din is-sena humiex ser jerġgħu jieħdu sehem.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 38.5.7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fi Triq Inglott kien hemm ħofra ta' festa u meta inbena sit, bena ukoll il-bankina u għalaq il-ħofra tal-festa. Rappreżentant tal-armar qed jitlob lill-Kunsill biex tali ħofra terġa titħaffer mill-Għaqda bil-permess tal-Kunsill.<br>Kien hemm qbil li jingħata permess mill-Kunsill, ġaladarba r-residenti li hemm fil-viċin jaċċettaw. |
| | | |
| 38.5.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li fi Triq il-Wied hemm ħames siġriet kbar ħerġin 'l barra u jinsabu ta' periklu aktar mis-siġra li magħha kien hemm l-inċident tat-traffiku ftit jiem ilu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li infurmat lill-ERA u ġiet imwissija li it-tip ta' siġra Eucalyptus mhix protetta u għalhekk m'hemmx bżonn permess biex titneħħa. Kien hemm qbil li jinżabru ħafna. |
| | | |
| 38.5.9 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li daħal suġġeriment biex il-bollard li hemm fi Sqaq Barcellona jitneħħa temporanjament sakemm jitlesta x-xogħol fi Vjal ix-Xarolla.<br>Is-Sindku qabel ma dan is-suġġeriment u qal li waqt diskussjonijiet hu rnexxielu jġib tarmakk ġdid lil dan l-isqaq max-xogħol li ser isir fi Vjal ix-Xarolla.<br>Ma kienx hemm qbil li titneħħa l-bollard minħabba l-periklu tal-akwata. Din għandha tinqala' biss waqt li jkun qed isir it-tarmakk u terġa titwaħħal fl-immedjat. |
| | | |
| | | |
| ***38.6*** | | ***Rampi ta' Garaxxijiet fiż-żona tan-Nigret – attendew xi residenti.*** |
| | | |
| 38.6.1 | | Is-Sindku stieden lir-residenti preżenti li joqgħodu fin-Nigret li irċevew ittra wara qbil unanimu tal-Kunsill fis-seduta preċedenti.<br>Ir-residenti qalu li kien hemm xi seba' surveyors li ħadmu fuq it-triq u r-residenti imxew skont il-linji mogħtija.<br>Residenta qalet li l-Kunsill għandu jiċċekja mal-PA u Transport Malta u jara min kien għamel l-iżball tal-livelli, għax ir-residenti m'għandhomx iħallsu ta' spejjeż li sar żball minn ħaddieħor.<br>Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel li mmexxu il-każ bl-awtorijtajiet u r- |

| | | |
|---|---|---|
| | | residenti jerġgħu jiġu kkuntatjati.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-Perit tal-Kunsill biex jiċċekja l-pjanti tar-residenti humix konformi.<br>Il-Kunsill qal biex qabel ma jkollna rapport mill-perit tal-Kunsill iwaqqaf il-proċess ta' qlugħ tar-rampi.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jinsab persważ li tali ranep ser jibqgħu kif inhuma ġaladarba ser nistennew lill-perit u lill-awtoritajiet jagħtu risposta lill-Kunsill. Hu żied jgħid li ġaladarba dawn ir-ranep huma perikolużi għal min juża l-bankina u jinsabu kontra l-liġi, għandhom jitneħħew fl-immedjat u l-Kunsill m'għandux jistenna risposti. |
| | | |
| 38.6.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni ta' sitwazzjoni oħra fi Triq De Mello, fejn waqgħet persuna ma' rampa simili. Hu qal li f'seduta oħra ser iġib ritratt ta' dan l-inkonvenjent. |
| | | |
| ***38.7*** | | ***Bżonn ta' barrier fi Triq Wied Babu – attendew residenti*** |
| | | |
| 38.7.1 | | Is-Sindku introduċa lill-persuna preżenti mall-Kunsilliera. Din wriet ritratti tal-parapett tagħha li kien imkisser darbtejn minn vetturi li jibqgħu deħlin fih. Kien hemm qbil li jsiru żewġ 'U' bars u ssir żebgħa bir-rubber apposta biex tonqos il-veloċita tal-vetturi. Kien hemm qbil ukoll li ssir applikazzjoni għall-sleeping policeman oħra, wara li jsir ix-xogħol tal 'U' bar u ż-żebgħa. |
| | | |
| | | |
| ***38.8*** | | ***Persuni Assenjati biex jaġġudikaw it-tenders.*** |
| | | |
| 38.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalqu żewġ tenders – a)Road markings and signs u b) works on pavements, retaining walls ane culverts. U fil-ġimgħa li ġejja ser tagħlaq it-tender c) tal-Accountant.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġibdet l-attenzjoni li jrid jinħatar board biex jevalwa t-tenders, u li fost il-persuni jrid ikun hemm Chairperson, Evaluator kwalifikat fl-accounts, Evaluator ta' professjoni legali, Evaluator tekniku fuq it-tender u s-Segretarju Eżekuttiv. Iċ-Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv m'għandhomx dritt li jivvutaw. Hi infurmat li l-Kunsill għandu ċans sa disgħin jum biex jevalwa u jaġġudika t-tenders.<br><br>Il-Kunsill unanimament qabel li ser jimxi mad-direttiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mhux ser jaġġudika tenders skont kif qed tgħid is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan kollu ser terġa tressqu għall-attenzjoni tad-Direttur tal-Kunsilli Lokali.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li qed jissuġġerixxi li l-Kunsill isegwi din id-direttiva, biex il-Kunsill ma jonqsulux finanzi bla bżonn u biex ikollu persuni mill-kunsill li jaġġudikaw ix-xogħol li ser jagħmel l-istess Kunsill u biex la hu u lanqas l-Kunsill, ma jkunu paljazzi ta' ħadd. Hu qal li jekk Kunsilli oħra jridu jimxu mal-liġi, hu mhux lest li jagħmel dan jekk ma jkollux 'say' fuq l-aġġudikazzjoni tat-tenders, meta il-Kunsillieri kienu jagħmlu dan bla ħlas. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***38.9*** | | ***Programm 'Għaqal fid-Dar Ħajja aħjar'*** |
| | | |
| 38.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand Leap biex Dar Mattia Preti tintuża biex isiru korsijiet 'Għaqal id-dar, Ħajja aħjar'. Dan il-kors jikkonsisti f'għaxar sessjonijiet ta' sagħtejn, darba fil-ġimgħa. Jkun hemm bżonn li faċilita' ta' kċina, toilets, projector, u ktieli u tazzi u 35 siġġu.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv issuġeriet li minflok Dar Mattia Preti tintuża s-sala tal-iskola li għadu kemm għamel il-Kunsill.<br><br>Ma kienx hemm qbil li jsir dan il-kors. |
| | | |
| | | |
| ***38.10*** | | ***Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji u r-rapport tal-ewwel kwart tas-sena*** |
| | | |
| 38.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-istqarrijiet finanzjarji mgħamula mill-Awditur għall-approvazzjoni tal-Kunsill.<br>Tressaq ukoll ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena.<br>Dawn ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| ***38.10*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 38.10.1 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima, qalet li kellha suġġeriment biex Triq is-Sindku ssir triq privata għar-residenti biss. Ma kienx hemm qbil fuq dan |
| | | |
| 38.10.2 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima, qalet li qed tikkomunika ma' persuna li lest li torganizza kors ta' taħriġ fuq il-magna AED. |
| | | |
| 38.10.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li kellu laqgħa ma min jieħu ħsieb blokok ta' flats fi Vjal l-Indipendenza u Triq Sant Agatha. Fil-każ ta' dak ta' blokka fi Vjal l-Indipendenza kien hemm komunikat bejn il-kuntrattur tal-kunsill u r-residenti biex iħalsu tas-servizz ta' skip li titpoġġa fil-komun tal-appartamenti.<br>Fir-rigward ta' blokka fi Triq Sant Agatha, ġiet issuġġerieta skip.<br>Ma kienx hemm qbil fuq skips fit-toroq. |
| | | |
| 38.10.4 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li hemm bżonn li ssir sleeping policeman fi Triq Santa Katarina viċin Triq is-Sajjieda viċin iż-Żurrieq Wolves.<br>Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni tat-TM fuq dan il-każ. |
| | | |
| 38.10.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li saret talba biex isiru yellow lines fil-kantunieri ta' Vjal l-Indipendenza minn Triq it-Torri sa Triq il-Kunċizzjoni.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 38.10.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament fuq tarmakk ġdid ta' Triq Ħal Far. Hu qal li ser jibqa jinsisti għax dan ix-xogħol kellu jibda fis-sena 2017 u s'issa għadu ma beda xejn, u qed jitlob biex il-Kunsill isaqsi meta ser jibda dan ix-xogħol.<br>Kien hemm qbil li tinkiteb email fuq dan ir-rigward. |

| | | |
|---|---|---|
| 38.10.7 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li wara li l-Kunsill kiteb lill-Għaqdiet tar-raħal jekk humix lesti li jagħtu l-antorjoli bla ħlas għal waqt festa ħut, il-Kunsill irċieva mingħand s-Soċjeta Mużikali Santa Katarina li lesti li jagħtu l-antorjoli bla ħlas għal Triq P P Saydon u Misraħ Repubblika. L-għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria ma aċċettawx li joffru l-antarjoli bla ħlas.<br>Kien hemm qbil li jintużaw biss l-antarjoli tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM u jsir ringrazzjament. |
| | | |
| 38.10.8 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia ressaq permess li qed jitlob Baldacchino biex is-sit ta' Garden of Eden fi Triq il-Barrieri 'demolish existing building. It is proposed to construct Class 3° Cabanas with pool for tourist accommodation, of the same area of existing building as per Rural Policy 6.2A. Including ancillary facilities, reception, tennis court and car park'. PA/01/01189/18.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia ssuġġerixxa lill-Kunsill biex joġġezzjona għal din it-talba minħabba li l-akwata hi ODZ.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-Perit jagħmel l-oġġezzjoni f'isem il-Kunsill. |
| | | |
| ***38.11*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 38.11.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***38.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 38.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' **€26,859.17**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |
| ***38.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 38.13.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23ta' Mejju, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _23_ ta' Mejju, 2018.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**